Minuti tal-laqgħa numru tletin (30) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021 fil-Muniċipju tar-Rabat, 34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Is-Sur Marco Scerri | Amministratur tal-Uffiċċju |

* Daħlu Skype
** Kienu preżenti fl-uffiċċju

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

30.01 **Talba u Qari tal-ittri ta’ apoloġija**

Talba u ittri ta’ apoloġija

Is-Sur Kris Grech informa lis-SE permezz ta' SMS li ma setgħax ikun magħna filwaqt li is-Sur Alan Said ma' stajniex nikkomunikaw miegħu permezz ta' Skype minkejja li bagħat messaġġ lis-SE li kien qed jipprova jidħol. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus flimkien mal-kunsillieri qalu t-talba.

30.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa u għoxrin (29).**

Minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu ppubblikati u mgħoddija mal-Agenda ħamest ijiem qabel il-laqgħa u dawn sarulhom korrezzjoni mis-Sindku s-Sur Sandro Craus u mill-Viċi Sindku, s-Sur Matthew Chetcuti. Dawn il-korrezzjonijiet għaddew skont kif muri fuq il-kopja oriġinali u kienu inizjalati. Il-minuti kienu proposti għall-vot mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u ssekondati mill-Viċi Sindku, s-Sur Matthew Chetcuti. Dawn għaddew b'vot unanimu.

30.03 **Approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 318 u tal-Works/Purchase Orders numru 37**

Ċedola tal-pagamenti u Works/ Purchase Orders

L-iskeda tal-pagamenti numru 318 ma kienetx approvata kif inhi u se jsirulha emendi peress li ma kienx hemm l-approvazzjoni għal items Din ma ġietx iffirmata bħalma lanqas kienet l-ordni għax-xiri u xogħlijiet numru 37 minkejja li dwar din ma kienx hemm problema. Is-Sur Ian Vassallo tkellem dwar item li deher fuq din l-iskeda tal-pagamenti, jiġifieri dik tal-culvert ta’ Għajn Qajjet, in-naħa t’isfel. Hu qal li dan għadu ma tnaddafx. Is-SE ġibed l-attenzjoni illi x-xogħol kien qed jirreferi għall-parti ta’ fuq. Is-Sindku wieġeb illi din il-parti se jagħmluha il-*Works Department*. Intant, is-Sindku tkellem fuq PO/WO item 6, fuq Sciberras General Maintenance għall-ammont ta’ €2,001.28 u qal li dawn ix-xogħlijiet kienu proposti mill-Girl Guides fuq iċ-Ċentru Ċiviku. Hu qal illi jħoss li dawn għandhom isiru mill-KLR għaliex dieħel l-ilma anke fil-parti tal-komun. Dwar dan ma kienx hemm oġġezzjoni filwaqt li ntqal illi hu tal-mistħija bin-nies ipejpu s-sigaretti taħt il-loġoġ. Is-Sindku qal illi jinħtieġ li niltaqgħu mal-President tal-Club Rabat Ajax biex inżommu l-parti komuni mal-istandards mixtieqa.

**Punti mill-Minuti:**

3.03.01 Is-Sur Sandro Craus qal illi l-proġett tas-Saqqajja ma jistax jibda' peress li hemm Triq Għeriexem maqlugħa kif ukoll in-naħa tan-Nigret (Bużugrilla) minħabba l-katusi tal-ilma li qed isiru preżentement minn *Transport Malta*.

Proġett tas-Saqqajja

3.03.02 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-armar ta’ dekorazzjonijiet tat-toroq fil-Milied. Hu qal illi s-sena d-dieħla se nżejnu wkoll fuq is-Saqqajja, dejjem jekk ma jkunx għaddej ix-xogħol fuq il-proġett.

Dekorazzjonijiet tal-Milied

3.03.03 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus rrefera għall-fanali dekorattivi, cioe' l-proġett li nbeda din is-sena li jinbidlu dawk l-antiki. Hu qal illi matul din is-sena hemm l-intenzjoni illi jinbidlu l-fanali tad-dwal ta' Triq Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, Triq Doni, Triq Kilin, Triq ir-Rebħa, Triq Sant Agata, Triq San Ġuzepp u Triq il-Kulleġġ. Fanali dekorattivi

3.03.04 Dwar ir-*refurbishment* tal-Binja tal-Kunsill fi Triq l-Isptar, is-Sindku qal illi sfortunatament kellna nieqfu mill-evalwazzjoni minħabba li kellna diffikultà minn persuna fil-bord li ma kienx jiflaħ. Refur-bishment tal-Binja tal-Kunsill

3.03.05 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tal-Karmnu issa beda' u l-kuntrattur tal-Kunsill diġa' rama' l-*iscaffolding*. Restawr tan-niċċa tal-Karmnu

3.03.06 Dwar il-kumplament tax-xogħol fuq it-toroq fl-Imtaħleb, is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi bħala KLR qed niġru wara l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li jinħtieġ li jagħmlu *re-instatement* billi jasfaltaw it-triq tal-Imtaħleb, sewwa sew taħt it-telgħa (bejn tal-Ħamri u l-Wied tal-Fiddien). Asfaltar fl-Imtaħleb

* Is-Sur Ian Vassallo daħal fuq skype f'dan il-mument fis-18.44hr.

3.03.07 Dwar l-offerti pubbliċi, kien konfermat illi nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar se jkunu ppubblikati tlieta: dik tar-Rikostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun, tar-Restawr tal-faċċata taċ-Ċimiterju u tal-Fuljett tal-Kunsill inkluż fotografija u stampar ta' *office stationery* – bħal *letterheads.* Pubblikaz-zjoni ta' tenders

3.03.08 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar it-toroq fir-Rabat. Hu qal illi sar ħafna *patching* u għaldaqstant se nkomplu bil-programm li għandna għaliex fil-maltemp ta' dan l-aħħar inqalgħu ħafna toroq. Patching fir-Rabat

3.03.09 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti talab lis-SE jinformah jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-proposta tiegħu biex fil-bini amministrattiv tal-KLR issir rampa bħal dik ta' entita' li kien semma' hu stess mal-Perit Charles Buhagiar. Dwar dan is-SE se jfakkar lill-Perit biex imur jaraha ħalli naraw jekk hemmx spazju għaliha fi Triq l-Isptar. Rampa għall-uffiċċju tal-Kunsill

3.03.10 It-tqassim mill-kollettur tal-iskart tal-*household bins* il-kbar, kif kien propost fost l-oħrajn mis-Sur Nazju Cassar f'Wied Ħażrun, għadu ma sarx għaliex il-kuntrattur kien qed jistennihom jidħlu minn barra xtutna. Sadanittant, is-SE ikkonferma illi hemm diversi ħlasijiet pendenti lill-kuntrattur li għadhom ma sarux u se ninsistu biex tal-inqas jagħtina 20 reċipjent. Reċipjenti tal-Iskart

Is-Sinjura Doris Coleiro daħlet on line fis-19.15pm.

30.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** Mistoqsijiet

3.04.01 Għat-talba ta' aktar lezzjonijiet tal-Pilates kif kienu qed isiru fil-passat, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi bħalissa ninsabu fi żmien sensittiv minħabba l-Covid 19 u ma jaqbilx li jsiru dawn il-lezzjonijiet peress li ma jistgħux isiru bil-maskla u l-parteċipanti ma jkunux fl-istess post waqt dawn l-eżerċizzji. Lezzjonijiet

3.04.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lill-kunsillieri jkunu aktar sensittivi dwar talbiet għall-permessi fit-toroq arterjali peress li dawn ikun jinħtieġ li jaqilgħu uffiċjal tal-komunità. Hu qal illi l-kunsillieri m'għandhomx jindaħlu fix-xogħol amministrattiv. Permessi fit-toroq

3.04.03 Is-Sur Chris Farrugia talab sabiex il-KLR jikkunsidra illi jinqala' u jsir mil-ġdid il-pavimentar li spiċċa biż-żmien ta' Sqaq numru 1 fi Triq il-Kulleġġ. Dwar l-aġġudikar tal-offerta pubblika tal-pavimentar, is-SE qal illi din dalwaqt se tkun evalwata u mistenni li jitla' r-rapport quddiem il-KLR fis-seduta li jmiss. Pavimentar ta' Sqaq fi Triq il-Kulleġġ

30.05 **Ċirkulari SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart** Separation bins taħt l-art

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proposta li se ssir lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-applikazzjoni numru 7. Hu qal illi l-applikazzjoni imtliet wara l-laqgħa li kellhom il-kunsillieri *ad hoc* ftit tal-jiem ilu dwar din il-proposta. Il-KLR qed jipproponi li jsiru *separation bins* għall-iskart taħt l-art u r-reċipjenti jitilgħu 'il fuq b'sistema tal-*hydrolic* biex ikunu jistgħu jitbattlu fl-RCV.

30.06 **Ċirkulari SPI/SCI/8/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022** Attivitajiet kulturali

Is-Sindku semma' wkoll l-applikazzjoni tal-Belt Kulturali Ewropeja (2022), Hu qal illi l-programm ta' attivitajiet sar u fadal jarah il-kunsillier responsabbli mill-Kultura, is-Sur Rudolph Grima. Is-Sra Doris Coleiro qalet illi tixtieq tagħmel xi emendi fih peress li ssemmew żewġ attivitajiet l-istess -dik tat-Tberik tal-Annimali, kif ukoll għaliex ma ddaħħlux attivitajiet li se jkunu jippromwovu dak li hu tradizzjonalment Rabti. Is-SE qal illi kien marbut ma' diversi restrizzjonijiet peress li ħafna minn dawn l-attivitajiet huma reliġjużi u jsiru biss fi żmienhom. Madankollu, s-snajjiet tradizzjonali bħalma huma l-bizzilla, tafal, ecc jistgħu jiġu ntegrati fil-Festa ta' San Martin tal-Baħrija. Dwar l-attivita' tal-Imnarja, is-Sra Doris Coleiro talbet biex jiddaħħlu t-tiġrijiet tal-bhejjem u s-sehem tar-Rabtin fil-wirja agrarja/tal-bhejjem fil-Buskett. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-programm hu wisq reliġjuż, u jistgħu inaqqsulna mill-punteġġi peress li din hija applikazzjoni missielta ferm. Se jsiru l-emendi proposti mis-SE.

30.07 **Ċirkulari SPI/SCI/1/2021 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021** Restawr taċ-ċint taz-zuntier

Għal proposta ta' Restawr ta' Monumenti Storiċi, liema applikazzjoni tagħlaq fit-12 ta' Frar, is-Sindku issuġġerixxa illi napplikaw biex ikunu restawrati iċ-ċnut taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali inkluż il-kaptelli tal-istatwi tal-Erwieħ. Għal dan, il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni.

30.08 **Ċirkulari SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex** Playing Fields

Dwar din l-applikazzjoni se napplikaw biex ikunu installati bandli ġodda fi Ġnien Bir Iljun.

30.09 **Talbiet għal refużjoni għall-ħsarat f'ħofor fi Triq il-Ġarġir (Ref: 7-Q-2359-2020) u Triq Wied tal-Qlejgħa, and Vjal il-Ħaddiem Ref: (7-Q-1071-2020).** Talbiet għal refużjoni

It-talbiet kollha kienu rifjutati mill-KLR.

30.10 **Greenmt – Pjan fit-tul għall-immaniġġjar tal-iskart Plan 2021-2030** Pjan għall-immaniġjar tal-iskart

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-laqgħa li kellhom hu u s-SE mas-Sur Joe Attard, CEO tal-Greenmt fejn qed ikun propost mill-Gvern Ċentrali fid-dokument ta' konsultazzjoni illi fost l-oħrajn ikun hemm bidla fil-granet tal-ġbir tal-iskart u barraminhekk tibda' ssir il-ġabra tat-tessuti wkoll. Kien deċiż li ssir laqgħa apposta dwar l-iskart nhar it-3 ta' Frar fis-6.00pm fuq skype.

30.11 **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' xiri ta' vettura għall-Kunsill Lokali tar-Rabat** Xiri ta' vettura tal-KLR

Ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Vettura tal-Kunsill, kien ikkunsidrat mil-kunsillieri u sussegwentement kien approvat b'vot unanimu u se tiġi magħżula l-vettura Citroen C3 ta' l-uniku bidder, is-Sur Michael Attard skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

30.12 **Kunsiderazzjoni għall-komunikat li se jintbgħat mill-Kunsilli Lokali tar-Rabat u l-Imdina dwar il-proposta lukanda tat-Telgħa tas-Saqqajja wara l-laqgħa konġunta mal-iżviluppatur.** PA8732/19

Saret referenza mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus għal-laqgħa li kellna mal-Kunsill Lokali tal-Imdina dwar l-iżvilupp propost fil-binja tal-eks Tattingers li se tkun żviluppata f'Lukanda. Hu qal illi l-espert tal-Kunsill Lokali tal-Imdina talab li jsir studju ġeoloġiku dwar il-proposta mina taħt it-telgħa tas-Saqqajja biex din ma jkollhiex effetti negattivi fuq il-mina eżistenti tal-ferrovija kif ukoll fuq il-gallerija tal-palju u l-binja użata bħala stores mill-*iscouts.*

30.13 **Rapport finanzjarju (cash basis) ta' Diċembru 2020 magħmul mis-Sur Marco Scerri** Rapport Finanzjarju Diċembru 2020

Is-Sur Marco Scerri rrefera għax-xahar ta' Diċembru 2020 u tkellem dwar il-finanzi fuq *Cash Basis*. Hu qal illi d-dħul tal-Kunsill mill-Gvern Ċentrali u l-Permessi kien ta' €106,168.00 u l-ispejjeż kienu ta' €105,198.00 maqsuma fuq dawk kuntrattwali ta' €53,550.00 u dawk varji ta' €51,648.00. Għaldaqstant kien hemm *cash surplus* ta' €970.

30.14 **Punti Oħra**

30.14.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar proposta tan-Notebook Centre li qed joffru lir-residenti biex isirlhom, *Formatting, General Servicing, Physical Cleaning, Virus Removal, u Free Antivirus* lill-*computer* personali tagħhom. Din l-offerta hija valida għal sena u l-obbligu fuq il-KLR huwa ta' €4,900.00. Xi kunsillieri qalu illi hemm kunsilli bħal dawk tal-Ħamrun u tal-Mosta li daħlu għaliha għax meta tqis illi l-ispiża tal-*formatting* ta' *computer* biss hija ta' €25, Notebook Centre

din hija proposta eċċellenti. Dwar din il-proposta, se jkun hemm *skype call* fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex il-kunsillieri jistaqsu għal aktar dettalji.

30.14.02 Is-Sindku tkellem dwar it-talba għal sponsor li kien hemm fil-passat mill-Każin L'Isle Adam biex tellgħu kunċert fi żmien il-Milied *on-line*. Hu qal illi issa wasal iż-żmien illi bi qbil mal-kunsillieri, jinżamm il-kunċert mill-*Fondazzjoni Paulus*, nhar il-festa ta' San Pawl fl-10 ta' Jannar 2021, fuq TVM2. Il-KLR se jkun wieħed mill-isponsors ta' dan il-kunċert. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Fondazzjoni Paulus

30.14.03 Bħala rappreżentant tar-Reġjun, is-Sur Matthew Chetcuti iddiskuta mas-Sindku u kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri fejn aħna oġġezzjonajna mar-Reġjun Tramuntana li ma naqblux mal-proposta li tinħareġ offerta pubblika tal-ġbir tal-iskart komuni għal-lokalitajiet tar-Reġjun li fiha jkunu imsieħeb il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Dan għaliex il-lokalità tar-Rabat hija kbira wisq u nħossu li se jkollna problemi kbar amministrattivi. Ġie nnutat ukoll li l-lokalitajiet il-kbar l-oħra ukoll lanqas qablu u l-President tar-Reġjun wiegħed li se jressaq il-proposta lid-Dipartiment Gvern Lokali.

30.15 Din il-laqgħa spiċċat fit-8.25pm u l-laqgħa tal-KLR li jmiss se ssir nhar is-17 ta' Frar fejn hija mistennija li tkun magħna l-*accountant* biex ikunu preżentati il-*Financial Statements 2020* ħalli jkunu approvati u jintbgħatu fil-ħin l-uffiċċu tal-Awditur Ġenerali. Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.2.21 minn Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku